HAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 38 IT-TNEJN 12 TA' JANNAR 2015**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 12 ta' Jannar 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Tmien Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Charles Farrugia, Jerome Caruana Cilia, Jason Busuttil, Antoine Saliba Haig u Sean Meli flimkien mal-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ Brenda Fenech.

Is-S.E. informa li l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina infurmah bil-miktub li ma setax jattendi għas-seduta peress li kellu impenji oħrajn; u l-Kunsilliera Margaret Mercieca kienet infurmat bil-miktub li ma kenitx ser tattendi għal din il-laqgħa minħabba impenji ta' xogħol oħra.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-raġunijiet bħala validi u għalhekk il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsilliera Margaret Mercieca ġew meqjusa bħala skużati għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet minuta silenzju bħala rispett għat-telfa ta' Thomas Harmsworth ex-kunsillier tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi.

**38/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 37**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 37 li nżammet nhar it-Tnejn 1 ta' Diċembru 2014, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 37 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**38/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**38/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi rebaħ il-Premju Aċċessibilita, fejn intrebħet is-somma ta' €25,000. Is-Sindku irringrazzjat lis-Segretarju Eżekuttiv, lill-perit tal-Kunsill u lill-kunsillier Sean Meli li flimkien ħadmu fuq l-applikazzjoni ta' dan il-premju. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** saħqet li dan il-premju jirrikonoxxi l-ħidma tal-Kunsill f'dan is-settur. Hija kompliet li dan il-fond ħa jintuża sabiex isir investiment fuq il-bankini tal-lokalita' ħalli dawn ikunu aktar aċċessibbli.

**38/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** informat li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' se tinżamm nhar il-Erbgħa 28 ta' Jannar 2015 fis-7.00pm.

**38/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li se tiġi organizzata ħarġa kulturali fis-6 ta' Frar 2015, fejn se ssir żjara tal-Palazz tal-Inkwiżitur u l-Mużew Marittimu. Il-Kunsilliera huma mistiedna li jingħaqdu għal din iż-żjara.

**38/02/04** F'dan l-istadju (fis-6.50pm) attenda għal-laqgħa **il-Kunsillier Ralph Puli**.

**38/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** irreferiet għal-laqgħa li l-Kunsill kellu mas-Sur Paul Borg, li nżammet proprju qabel din is-seduta, fejn is-Sur Borg wiegħed li l-presepju mekkanizzat ikun lest għall-Milied li ġej. Il-Kunsill qabel unanimament biex isir kuntratt mas-Sur Borg fejn jintrabat li l-prespju mekkanizzat għandu jkun lest u miftuħ għall-wiri għall-Milied tas-sena 2015, li fin-nuqqas ta' dan ikollu jiżgombra mingħajr dritt ta' xi kumpens. Il-Kunsill qabel ukoll li dan għandu jkun l-aħħar ċans peress li dan il-proġett ħa ħafna fit-tul fejn għamel perjodu twil abbandunat.

**38/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li peress li l-kuntratt tal-baned skada, il-Kunsill se jkun qed joħroġ sejħa ġdida fejn għal-laqgħa li jmiss jiġi mressaq l-abbozz. Is-Sindku Rosianne Cutajar infurmat ukoll li peress li l-marċ ta' Jum Ħal Qormi 2014 ma kienx sar, minflok dan il-marċ se jsir fil-Karnival 2015. Il-Kunsill qabel *nem.con .*

**38/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-ġnien fi Triq Alexandra jinsab għaddej b'ritmu tajjeb u x-xogħol għandu jkun finalizzat fix-xahar ta' Frar / Marzu.

**38/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li għandha ssir laqgħa tal-Kabinett fejn is-Sindki tar-Reġjun Nofsinhar, jkunu mistiedna biex jagħtu l-veduti tagħhom dwar problemi li jkunu qed jiffaċjaw il-lokalitajiet tagħhom.

**38/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-lokalita' ta' Ħal Qormi ġiet magħżula sabiex f'Jum il-*Commonwealth* li jaħbat fid-9 ta' Marzu tittella' l-bandiera tal-*commonwealth*. Għaldaqstant, dakinhar se tkun qed issir ċerimonja qasira fejn is-Sindku ittella' din l-bandiera fuq il-bini tal-Kunsill.

**38/02/10** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li kellha bosta rikjesti mir-residenti sabiex isiru dog bins f'postijiet strateġiċi. Il-Kunsill qabel *nem.con* li jinxtraw numru ta' *dog bins*.

**38/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' DIĊEMBRU 2014**

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2014, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Diċembru 2014
**b)** *Bank Payments* Diċembru 2014.
**c)** *Petty Cash* Diċembru 2014.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ssekonda.

**Ivvutaw Disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

**38/04** **MOZZJONIJIET**

**38/04/01** **MOZZJONI 118/2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 118/2015:

*Peress li l-kuntratt ta' Knis ta' Toroq (Sezzjoni 1) gie moghti li lil Saviour Mifsud jittermina fil- 30 ta' Novembru 2014,*

*Peress li x-xogħol pprovdut mill-kuntrattur kien tajjeb,*

*Nipproponi biex il-kuntratt ta' Knis ta' Toroq (Sezzjoni 1) mogħti lil Saviour Mifsud, jiġi mġedded għal sena sa' 30 ta' Novembru 2015, kif pprovdut fil-kuntratt.*

**Il-Kunsillier Sean Meli i**ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa’** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 118-2015(VI).

**38/04/02 MOZZJONI 119/2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 119/2015:

*Peress li l-kuntrattur responsabbli miz-zamma tal-latrini ta’ Pjazza Federico Maempel naqas milli jżomm dawn il-latrini nodfa skont il-kuntratt, fejn saħansitra dehru ritratti u filmati fuq il-mezzi tax-xandir;*

*Peress li dawn ir-ritratti u filmati taw reputazzjoni negattiva lill-operat tal-Kunsill;*

*Peress li l-Kunsill wissa lill-kuntrattur għal aktar minn darba kemm verbalment kif ukoll bil-miktub;*

*Nipproponi biex il-Kunsill joħroġ default notice lill-kuntrattur u jinforza penali ta’ 5% mill-pagament tax-xahar ta’ Diċembru kif jistipula l-kuntratt.*

**Il-Kunsilliera kollha preżenti** ssekondaw din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa’** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 119-2015(VI). Peress li l-pagament ta’ Diċembru ġie approvat preċedentament, il-penali titnaqqas mill-pagamant tax-xahar ta’ Jannar 2015.

**38/04/03 MOZZJONI 120/2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-Kunsillier Jason Busuttil sabiex iressaq il-mozzjoni nru 120/2015:

*Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta’ madwar Euro €2330 sabiex tiġi organizzata sfilata tal-Karnival nhar il-Gimgha 13 ta’ Frar 2015 fis-7pm, u jsir mill-Knisja ta’ San Ġorġ Martri sal-Pjazza ta’ quddiem il-Knisja ta’ San Franġisk.*

*Il-Baned jimxu fl-isfilata kif ġej. L-ewwel il-Banda tas-Soċjeta Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan, imbagħad il-banda tal-Anici tkun it-tieni banda fl-isfilata u t-tielet Banda tkun il-Banda San Ġorġ Martri.*

*Din l-isfilata tikkonsisti f'daqq ta' marċi ferrieħa mit-tliet baned qriema u sfilata minn maskaruni. Wara tinżamm serata ta' kant u żfin minn bosta kumpaniji taż-żfin.*

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 120-2015(VI).

## 38/05 RAPPORTI

### 38/05/01 PERFORMANCE APPRAISAILS TAS-SEGRETARJU EZEKUTTIV U L-IMPJEGATI TAL-KUNSILL

Wara diskussjoni dwar il-performance tas-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati, is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni.

*"Billi l-kuntratt ta' l-impjegati tal-Kunsill jipprovdi li fl-aħħar tas-sena finanzjarja l-impjegati għandhom jitħallsu l-performance bonus;*

*U billi r-regolamenti finanzjarji jipprovdu wkoll li dan il-Bonus*
*a. m'għandux ikun iżjed minn 10% tar-renumerazzjoni fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv, u*
*b. m'għandux ikun iżjed minn 6% tar-renumerazzjoni li jkunu qed jitħallsu fil-każ ta' l-impjegati;*

*U billi s-Segretarju Eżekuttiv irrikmanda fir-rapporti mressqa tal-Performance Appraisals, li l-impjegati għandhom jingħataw il-performance bonus kif imsemmi 'l fuq;*

*Qed jiġi riżolt li l-impjegati tal-Kunsilli jitħallsu l-ammont tal-Performance Bonus skont il-persentaġġ kif jidher hawn taħt;*

*U billi fl-opinjoni tiegħi, s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata wkoll il-performance bonus kif imsemmi aktar 'l fuq;*

| | |
|---|---|
| *Kenneth Brincat* | *10%* |
| *Marilyn Baldacchino Gatt* | *6%* |
| *Ritienne Sammut* | *6%* |

| | |
|---|---|
| *Karen Camilleri* | *6%* |
| *Maria Lewis* | *6%* |
| *Bernice Darmanin* | *6%* |
| *Noel Pace* | *6%* |
| *Sebastiana Tanti* | *6%* |

**Il-Kunsilliera kollha prezenti** issekondaw l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' (9) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u jħallas il-performance bonus lill-impjegati. Fil-kaz tas-Segretarju Ezekuttiv jkun meħtieġ l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali qabel isir il-ħlas.**

## 38/05/02 FTEHIM MAL-MCA DWAR PROVVEDIMENT TA' SERVIZZ TA' WIFI

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-ftehim li l-Kunsill għandu mal-MCA (Malta Communications Authority) sabiex jiġi pprovdut servizz tal-WIFI fi Ġnien De La Cruz u fi Ġnien Federico Maempel. Il-Kunsill approva unanimament li dan il-kuntratt ikun imġedded għal sena oħra – 2015.

Il-Kunsill se jevalwa l-possibilta' li dan is-servizz jingħata fi pjazez oħrajn fil-lokalita'. **DOK 'B'**

## 38/05/03 ABBOZZ TAL-ESTIMI ANNWALI 2015

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-abbozz tal-estimi annwali għas-sena 2015, li ġie ippreparat mill-Kumitat tal-Finanzi. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li għas-sena 2015, il-Kunsill ingħata €33000 aktar fl-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali. Peress li l-ispejjeż relatati mal-Personal Emoluments u mal-Operational and Maintenance qed jinżammu fuq l-istess livell tal-estimi tas-sena preċedenti, din iż-żieda fl-allokazzjoni se tkun investita fl-ispiża kapitali.

L-ispiża Kapitali għas-sena 2015 se tkun ibbażata fuq ix-xogħol ta' asfaltar ta' Triq Lydda, Triq l-Għana u parti minn Triq il-Ġnien; il-monument tal-isports u l-monument li jfakkar il-vittmi tal-Logħob tan-Nar; u numru ta' bankini ġodda f'diversi toroq. Dan apparti li se jintuża l-*Urban Improvement Fund* biex isir it-tisbiħ tal-ġnien fi Triq Alexandra u t-tisbiħ tat-Triq San Pietru.

Il-Kunsill qabel unanimament li japprova dan l-abbozz sabiex ikun jista' jitressaq fil-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' għad-diskussjoni mar-

residenti.

**DOK 'C'**

**38/05/04 DISPOSAL OF ASSETS**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-iskeda ta' *fixed assets* sabiex jiġu *written off* mill-inventarju tal-Kunsill peress li m'għadhomx jiffunzjonaw. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq din il-lista:

| | |
|---|---|
| *Shredder* | *KLQ00482* |
| *2 Monitors TFT 19"* | |
| *Shredder* | *KLQ00968* |
| *Monitor LED* | *KLQ00969* |
| *Electric Toaster* | *KLQ00140* |

Il-Kunsill approva *nem.con* li dawn il-*fixed assets* jiġu disposed off mill-inventarju tal-Kunsill.

**DOK 'D'**

**38/06 KORRISPONDENZA**

**38/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'E 1-4'**

1. Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar żbilanċ fil-working capital tal-finanzi tal-Kunsill għas-sena 2013. Il-Kunsill xtaq jirrimarka li dan l-iżbilanċ ta' €3,749 kien minimu ħafna u jħossu daqsxejn diżappuntat li d-dipartiment qed ipoġġi fl-istess keffa l-Kunsill ta' Ħal Qormi ma' Kunsilli oħrajn li għandhom żbilanċ ta' mijiet ta' eluf ta' ewro. Barraminnhekk, il-Kunsill iħossu sodisfatt kif dan l-iżbilanċ ġie kważi newtralizzat meta fis-sena ta' qabel kien ferm aktar. Il-Kunsill jinsab persważ li l-iżbilanċ finanzjarju għas-sena 2013 ġie kkonvertit f'bilanċ matul is-sena 2014 u għaldaqstant qed jitlob lid-Dipartiment biex jagħti ftit ċans sakemm ikun ppreparat ir-rapport finanzjarju għas-sena 2014 qabel isegwi mad-direttivi msemmija fl-ittra.

2. Ittra mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Gvern Lokali dwar skema ta' proġetti kapitali mill-Kunsilli Lokali. Dawn il-proġetti iridu jkunu jinkludu is-settur privat kif ukoll sostennibbli. Is-Sindku Rosianne Cutajar ipproponiet li jitressqu dawn il-proġetti :
   1) Isiru l-*belisha lights* mal-*pedestrian crossings* fil-lokalita'
   2) Isir kort tal-baskitbol u *fitness centre* fl-art li tinsab mitluqa wara l-klabb tal-boċċi u l-piċċ tal-*hockey*.
   3) *Night shelter* fuq iċ-Ċentru tas-Saħħa
   4) *Eco-bikes* sabiex jitnaqqas l-użu tal-vetturi

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jitressqu dawn il-proġetti quddiem il-Bord tal-Għażla tal-Proġetti Kapitali għall-Kunsilli Lokali.

3. Dwar ittra mill-Arms Ltd rigward meter tad-dawl taħt il-piċċ tal-5 aside fi Triq il-Belt Valletta, liema meter jgħajjat lill-Kunsill Lokali, il-Kunsill qabel li jitħallas l-ammont pendenti u l-kont jingħalaq.

4. Dwar kont pendenti tad-dawl tal-gabbana li tinsab fi Ġnien De La Cruz, il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-kerrejja sabiex iħallsu dan il-kont immedjatament.

5. Dwar disinn mill-Perit għall-immaniġġjar tat-traffiku fil-pjazzetta ta' Triq Ġuze Flores, il-Kunsill ma approvax dan id-disinn. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru indikazzjonijiet dwar it-traffic flow ta' din il-pjazzetta b'tali mod li jiżdied il-parkeġġ f'nofs il-pjazzetta.

6. Dwar kwotazzjoni sabiex toħroġ Edizzjoni Speċjali tad-Dielja fix-xahar ta' Marzu, bħalma kien sar fi tmiem il-leġislatura preċedenti, il-Kunsill ma approvax din l-istima. Il-Kunsill qabel li għandha toħroġ ħarġa bħas-soltu fejn iżda l-Kunsill jieħu numru ta' paġni li s-soltu jkun fihom riklamar.

7. Dwar talba mill-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici, il-Kunsill qabel *nem.con* li l-bankina ta' Triq il-Vitorja tiġi estiża kif ippropost mill-perit tal-Kunsill sabiex x-xelter fil-viċinanzi ma jibqax jegħreq bl-ilma tax-xita.

**38/07 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 9 ta' Frar 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:15 ta' filgħaxija.

Rosianne Cutajar<br>Sindku

Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ....................... ......... ta' ...................... 2015.